KLR24/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 4 ta'Mejju 2011 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-membri qablu li fil-laqgħa li jmiss jiġi mistieden l-Accountant sabiex jispjega s-sitwazzjoni finanzjarja fil-preżent. Is-Seg. Eżekuttiv ser tressaq il-kontijiet pendenti.

**2. Jum il-Belt Victoria 2011**

Il-membri qablu li l-porgramm għal Jum il-Belt Victoria ta' din is-sena jkun kif ġej:-

<u>It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011</u> fit-8.30pm *Leone Goes Pop* – kunċert imtella bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Filarmonika Leone fi Pjazza Indipendenza.

<u>Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2011</u> fis-6.45pm - Quddiesa ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-Arċiprieti tal-Parroċċi tal-Katidral u ta' San Ġorġ fil-knisja ta' San Ġakbu fi Pjazza Indipendenza; u fis-7.30pm - Serata Mużikali bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella fi Pjazza Indipendenza. Wara din is-serata jsir riċeviment żgħir fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Onorefiċenza Ġieħ il-Belt Victoria jingħata lil-Mons. Alfred Xuereb għas-servizz li qed joffri fis-Santa Sede, lil Anton Farruġia għas-servizz li offra u għadu joffri fil-Librerija Pubblika tal-Katidral u lil Alvin Scicluna għas-servizz li qed joffri fil-medja talli jippromwovi lil Għawdex. Il-membri qablu unanimament. Il-kunsillier Buttiġieġ issuġerixxa wkoll lill-eks Sindku Robert Tabone. Il-membri qablu li dan għandu jsir fil-futur.

***3. Grand Tour of Taste - Serata di Gola***

Il-membri qablu li din l-attivita' kienet suċċess anke' mil-lat finanzjarjau peress li nġabru diversi *sponsors* sostanzjali fosthom mill-Ministeru għal Għawdex u mill-MTA. Id-Dopo Teatro ser isir Bologna fl-aħħar ta' Mejju u l-kunsilliera ser jattendu għal din l-attivita'.

**4.** ***Public Private Partnership Scheme***

Is-Seg. Eżekuttiuv għarrfet lill-membri li daħlu €45,934.85 mill-Gvern Ċentrali rigward din l-iskema. It-toroq li ser isiru huma Wied is-Seqer, Saghtar u Ġanni Vassallo. Il-Kunsill għandu jara il-kuntrattur – Raod Construction, meta ser tibda' x-xogħol.

**5.** ***Integrated Cultural, Archaeological and Historical Trail***

Is-Sindku għarraf lil-membri li l-proġett ser jerġa jiġi sottomess u d-data ta' l-egħluq hi nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2011.

**6. Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet din il-korrispondenza mingħand:-

6.1 il-MEPA rigward l-applikazzjoni (NP69/10) sabiex jitneħħew is-siġar ta' Pjazza Indipendenza. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-MEPA bdiet diversi konsultazzjonijiet ma entitajiet fosthom il-Ministeru ghal Għawdex, id-Dipartiment ta' l-Agrikultura u s-Sanita'. Billi l-Kunsill għandu l-applikazzjoni oħra (PA2044/10) li tinkludi wkoll it-tneħħija ta' dawn is-siġar, l-applikazzjoni NP69/10 qed tiġi integrata ma PA2044/10.

6.2 il-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-bilanċ ta' l-*Urban Improvement Fund* sa l-aħħar ta' Frar 2011 kien ta' €39,393.13;

6.3 il-Perit tal-Kunsill fejn iċċertifika x-xogħol ta' Nicky Saliba li sar fl-aħħar tal-ħames Kunsill f'taċ-Ċawla H. E. Il-membri qablu li fil-laqgħa li jmiss jitressaq rendikont tax-xogħol li sar mill-ħames Kunsill f'dan il-*Housing Estate*;

6.4 id-Direttur Proġetti u Żvilupp rigward ir-*railing* li l-Ministeru għal Għawdex ser jgħamel fit-Telgħa tal-Belt. Il-membri qablu li dan għandu jsir;

6.5 il-ħanut 'Home Style' fi Pjazza J F Kennedy sabiex issir *un/loading bay*. Ser jintalab il-permess tat-Transport Malta (TM);

6.6 Carmelina Cassar ta' 6 Triq San Duminku sabiex issir kaxxa safra quddiem il-garaxx peress li qed jipparkjaw vetturi oħra u ma tkunx tista' tinħareġ il-vettura minn dan il-garaxx. Ser jintalab il-permess tat-TM;

6.7 Antonia Portelli ta' 11A, Triq San Duminku fejn tablet għal *un/laoding bay* quddiem il-garraxx. Il-Kunsill ser jitlob il-permess tat-TM;

6.8 Diversi għaqdiet u persuni li talbu għajnuna finanzjarja mingħand il-Kunsill sabiex jorganiżżaw attivitajiet. Dawn huma:-Mission Fund, JP2 Foundation, Victoria Art Gallery, Maria Cassar, Teatru Astra u Maureen Caruana. Il-membri ma qablux li jingħataw għajnuna finanzjarja peress li dan imur kontra r-regolamenti tal-Kunsill.

**7. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

7.1 il-kiosks li jbiegħu l-ikel fil-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija jitpoġġew fil-parkeġġ il-kbir taħt is-siġar peress li fil-*Bus Terminus* qed issir xogħol ta' kostruzzjoni;

7.2 il-kunsillier Portelli u s-Seg. Eżekuttiv ikunu fil-Bord ta' l-evalwazzjoni ta'l-offerta tal-ġbir ta' l-iskart organiku. Dawn flimkien mal-Perit Valerio Schembri li ħejja r-rapport wara li nfettħu l-offerti;

7.3 jinħareġ permess lill-Emergency Response Rescue Corps. sabiex issir fiera tal-pjanti quddiem l-iskola Ninu Cremona, is-Sibt 7 ta'Mejju 2011;

7.4 jintalab il-parir tat-TM rigward il-vetturi tqal li qed jgħaddu minn Triq Salvatore Psaila u jiksru lejn Triq Taħt Putirjal. Dan minħabba l-fatt qed ikunu ta' periklu meta jiksru lejn Triq taħt Putirjal;

7.5 jingħata *service* lill-*photocopier* bl-istima ta' €591.38.

7.6 Tressaq ir-rendikont ta' *weekend break* li sar f'Malta f'April 2011. Dan ħalla bilanċ ta' €101.04.

7.7 Tressaq ilment mingħand Xerri's Garden Centre ta' Triq Dawwara. Dan minħabba l-volum ta' vetturi tqal li qed jgħaddu minn din it-triq.

Il-laqgħa ntemmet fit-20.30.

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |